MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 1138/1994/2

**John Mallia bhala mandatarju specjali**
**ta' l-assenti Carmelo Mallia**

**vs**

**Elizabeth Mallia, Carmelo Mallia u Leslie Mallia**

**Il-Qorti,**

**<u>PRELIMINARI</u>**

**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTUR NOMINE**

B'citazzjoni ipprezentata fil-Prim Awla tal-Qorti Civili, John Mallia, bhala mandatarju ta' huh imsiefer Carmelo Mallia, ippremetta li Carmelo Mallia huwa iben il-mejtin Lazzaro u Carmela Mallia filwaqt li l-konvenuti Elizabeth Mallia, Carmelo Mallia u Leslie Mallia huma l-eredi ta' huh mejjet Joseph Mallia, u li b'testment unica charta datat 8 ta' Gunju 1956 in atti Nutar Joseph Gatt, u partikolarment l-hames Artikolu, Lazzaro u Carmela Mallia hallew b'titolu ta' legat a favur ta' l-attur Carmelo Mallia il-fond numru 152/153, illum enumerat 272/273, Triq San Giljan, B'Kara, skond il-kundizjoni espressa, liema kundizzjoni avverat ruhha a favur ta' l-attur Carmelo Mallia permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-8 ta' Jannar 1993; u illi l-attur Carmelo Mallia interpella lill-eredi kollha tal-mejtin Lazzaro u Carmela Mallia sabiex jaddivjenu ghall-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess u difatti dehru l-ahwa kollha hlief ghall-konvenuti Elizabeth Mallia, Carmelo Mallia, u Leslie Mallia; l-attur ghalhekk talab lill-Qorti tordnalhom jaddivjenu ghall-kuntratt ta' *immissio in possessio* fil-jum, hin, u lok li din il-Qorti tiffissa bl-awtorita` taghha u dana quddiem in-Nutar John Bisazza, u fin-nuqqas tahtar kuraturi deputati ghall-eventwali kontumaci sabiex jirrappresentaw lill-konvenuti fuq il-kuntratt imsemmi, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 3 ta' Gunju 1994 kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizjoni u b'riserva ghal kull azzjoni ohra ghad-danni spettanti lill-attur kontra l-konvenuti.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI**

2. Il-konvenuti eccipew (1) illi minghajr pregudizzju ghall-eccezjonijiet l-ohra, l-azzjoni hija preskritta a bazi ta' l-Artikolu 845 tal-Kodici Civili; (2) illi l-attur mandanti ghamel atti li juru li irrinunzja ghal kull dritt li jikkonsegwixxi legat, u agixxa bhala ko-eredi, mal-konvenuti u ko-eredi ohra; (3) illi l-legat pretiz jilledi d-dritt ta' legittima tal-konvenuti; (4) illi l-legat pretiz jammonta ghal uzura mhux permessibbli fuq is-self allegatament maghmul mill-attur madanti lit-testaturi Lazzaro u Carmela Mallia; (5) illi d-disposizzjoni testamentari de quo ma ghandhiex tigi interpretata ghajr fis-sens li t-testaturi riedu r-restituzzjoni tas-self lilhom maghmul, u mhux li riedu jippreferu lill-attur

mandanti a skapitu ta’ hutu l-eredi l-ohra; u (6) illi d-disposizjoni testamentari de quo hija wkoll difettuza ghaliex is-self maghmul lit-testaturi kien inferjuri ghall-ammont iddikjarat.

**<u>IS-SENTENZA DWAR L-EWWEL ECCEZZJONI</u>**

3. Illi b’sentenza moghtija fil-21 ta’ April 1995 il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet l-ewwel eccezzjoni, u b’sentenza moghtija fis-16 ta’ Jannar 1996 l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell ikkonfermat is-sentenza imsemmija.

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

4. Illi b’sentenza moghtija fid-19 ta’ Mejju 2000 il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u laqghet it-talba attrici u kkundannat lill-konvenuti jersqu ghall-kuntratt pubbliku ta’ immissjoni fil-pussess ta’ l-attur tal-fond 272/273 Triq San Giljan, B’Kara, liema kuntratt kellu jigi ippubblikat minn Nutar Victor John Bisazza fit-3.30p.m. tat-22 ta’ Gunju 2000 fl-edifizzju tal-Qorti u fl-istess hin hatret lill-Avukat Dottor Yana Micallef Stefrace bhala kuratur biex tirraprezenta l-kontumaci fuq l-att; bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti.

**<u>RIKORSI MINN NAHA TAL-KONVENUTI</u>**

5. B’rikorsipprezentat fit-2 ta’ Marzu 2000 il-konvenut Leslie Mallia talab is-sospensjoni tal-prolazjoni tas-sentenza, u li l-Qorti tawtorizzah jaghti x-xhieda tieghu, peress li ma kienx ghadu xehed, u ghal dak l-iskop ipprezenta l-affidavit tieghu, u li l-Qorti tawtorizzah jipproduci l-provi tieghu, fosthom ix-xhieda ta’ martu, Doris Mallia, li taghha wkoll ipprezenta l-affidavit. (Fol. 200) Illi b’digriet tas-6 ta’ Marzu 2000 l-Onorabbali Qorti cahdet it-talba tal-konvenut Leslie Mallia. (Fol. 201)

B’rikors ipprezentat fl-10 ta’ Marzu 2000 il-konvenuti regghu talbu s-sospensjoni tal-prolazjoni tas-sentenza peress li skond huma kien ghad hemm numru ta’ xhieda li ghadhom ma tawx it-testimonjanza taghhom in sostenn ta’ l-eccezjonijiet tal-konvenuti. (Fol. 208)

B’digriet tat-13 ta’ Marzu 2000 l-Onorabbli Qorti irriservat li tipprovdi ghar-rikors imsemmi fl-udjenza. (Fol. 209).

Fl-udjenza sussegwenti tal-15 ta' Marzu 2000 l-ewwel Onorabbli Qorti ma pprovdietx ghar-rikors imsemmi u halliet il-kawza ghas-sentenza ghad-19 ta' Lulju 2000. (Fol. 212)

**L-APPELL U L-AGGRAVJI TAL-KONVENUTI**

6. Il-konvenuti hassewhom aggravati bis-sentenza msemmija tad-19 ta' Mejju 2000 u bin-nuqqas tal-Qorti li tipprovdi ghat-talba taghhom ta' l-10 ta' Marzu 2000 u bid-digriet tal-Qorti tas-6 ta' Marzu 2000 li bih cahdet it-talbiet tal-konvenut Leslie Mallia maghmula minnu fit-2 ta' Marzu 2000.

Illi l-aggravji tal-konvenuti appellanti huma dawn:
(i) li l-Qorti Civili Prim Awla ipprivat lill-konvenuti milli jkomplu jressqu l-provi taghhom u b'hekk il-konvenuti ma kellhomx 'fair hearing'.

(ii) li l-Qorti Civili Prim Awla ma jidhirx li hadet in konsiderazzjoni d-dokument esebit a fol. 82 tal-process li minnu jirrizulta li l-eredi Pauline Micallef, Anthony Mallia, Agnese Mallia, u Theresa Singer, li fost hwejjeg ohra irripudjaw l-immissjoni fil-pussess tal-fond de quo lill-huhom, l-attur, Carmelo Mallia, u fejn huma ddikjaraw li ma kienx minnu li s-somma ta' Lm700 kienet giet mislufa mill-attur lill-genituri taghhom.

(iii) Illi l-Qorti Civili Prim Awla ma tidhirx li kienet korretta meta ikkunsidrat li la ma kienux gew istitwiti proceduri mill-werrieta biex jigi annullat it-testment de quo jew biex jigi attakkat il-hames Artikolu tieghu jew biex tigi mnaqqsa d-disposizjoni testamentarja sas-sehem li t-testaturi setghu jiddisponu, allura "ebda eccezjoni tal-werrieta intiza biex tistultifika l-effetti ta' l-imsemmija disposizjoni testamentali ma ghandha tigi kunsidrata minn din il-Qorti li hija, fic-cirkostanzi, tenuta taghti effett ghad-disposizjonijiet testamentarja billi tilqa' t-talba attrici," u "Illi f'dan l-isfond l-ebda wahda mill-eccezjonijiet sollevati mill-konvenuti ma tista' tigi kunsidrata serjament billi mhux biss mhux sorretta b'ebda prova izda wkoll huwa kontra guridiku li din il-Qorti tichad talba ghall-immissjoni fil-pussess ta'

legat semplici b’oggezzjonijiet imressqa per via d’eccezione.”

(iv) Illi l-Qorti Civili Prim Awla lanqas ma tidher li kienet korretta meta kkonsidrat li l-kliem tat-testment ma jistghux jinghataw interpretazzjoni ohra hlief kif inhuma redatti billi huma cari u ma jaghtu lok ghall-interpretazzjoni u a bazi ta’ dan, il-Qorti cahdet il-hames u s-sitt eccezjonijiet “ghaliex ma jistghux jigu kunsidrati”.

(v) Illi l-Qorti Civili Prim Awla lanqas ma tidher li kienet korretta meta kkunsidrat li ma rrizultatx ebda rinunzja da parti ta’ l-attur ghall-legat imholli lilu, ghaliex l-provi juru li ghal zmien twil il-ftehim bejn il-werrieta kollha kien li r-rikavat mill-bejgh tal-fond de quo li kien suggett tal-legat, kellu jinqasam bejn il-werrieta kollha, u infatti l-fond de quo kien sejjer jinbiegh mill-werrieta kollha u mhux mill-attur biss bhala l-proprjetarju tieghu in forza tal-esekuzzjoni tal-legat.

(vi) Illi l-Qorti Civili Prim Awla lanqas ma kienet korretta meta kkunsidrat li l-eccezjoni ta’ l-uzura ma setghetx tinghata mill-konvenuti appellanti ghaliex huma ma kienux id-debituri, mentri fil-fatt, la darba l-eccezzjoni ta’ l-uzura setghet tinghata mid-debitur, l-istess eccezjoni setghet tinghata mill-eredi tad-debitur, kif fil-fatt huma l-konvenuti appellanti.

Ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorrenti appellanti talbu li din il-Qorti joghgobha
(a) tannulla s-sentenza moghtija fid-19 ta’ Mejju 2000 fil-kawza fl-ismijiet premessi mill-Qorti Civili Prim Awla, u tordna li l-appellanti jinghataw il-fakulta` li jressqu l-provi kollha taghhom; jew
(b) tawtorizza lill-appellanti jipproducu l-provi kollha li fadlilhom fl-istadju ta’ l-appell, sabiex il-kawza tigi deciza fil-meritu u jigu kkunsidrati l-eccezjonijiet kollha tal-konvenuti appellanti; jew
(c) tirrevoka s-sentenza msemmija u tirrimanda l-kawza ghall-kontinwazzjoni tal-provi tal-konvenuti appellanti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili; u

(d) tirrevoka d-digriet tas-6 ta’ Mejju 2000 tal-Prim Awla tal-Qorti Civili u tilqa’ t-talbiet maghmula fir-Rikors ta’ l-appellant Leslie Mallia tat-2 ta’ Marzu 2000; u dan
(e) bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

**IR-RISPOSTA TA’ JOHN MALLIA NOMINE**

7. L-appellat nomine wiegeb hekk:
Illi s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta’ Mejju 2000, fl-ismijiet fuq premessi timmerita li tigi konfermata u, ghalhekk, dina l-Qorti ghandha tichad l-appell tal-konvenuti bl-ispejjez u dan ghar-ragunijiet li ser jirrizultaw f’din ir-risposta u waqt it-trattazzjoni ta’ l-appell.

Illi, qabel xejn, l-esponent jixtieq jispjega fil-qosor l-isfond tal-kaz:
Il-genituri ta’ l-attur, Lazzaro u Carmela Mallia, kienu ghamlu testment *unica charta* datat 8 ta’ Gunju 1956, in atti Nutar Joseph Gatt, li fil-hames artikolu tieghu jipprovdi hekk:

***“It-testaturi jiddikjaraw illi huma sselfu minghand binhom, Carmelo Mallia, sebgha mitt lira (Lm700) liema somma giet mit-testaturi depozitata fir-Registru ta’ l-Onorabbli Qorti Civili tal-Maesta` tar-Regina, Prim’Awla, ghall-fini ta’ l-ezercizzju tad-dritt ta’ rkupru tad-dar u mezzanin, B’Kara, St. Julian’s Street, numru mija wiehed u hamsin (151) u mija tnejn u hamsin (152) – liema dritt gie kontestat u tinsab pendenti kawza fuq dana.***

***Ghalhekk it-testaturi, kemm-il darba d-dar tigi rilaxxata a favur it-testatrici, ihallu l-istess dar lill-imsemmi Carmelo Mallia*** (l-attur) ***a saldu u in totali sodisfazzjon tas-somma li silifhom. Jekk id-dar ma tigix rilaxxata lit-testatrici, allura, it-testaturi jhallu l-istess somma ta’ sebgha mitt lira lill-istess binhom, Carmelo Mallia, in salvenza tal-kreditu tieghu imsemmi.”***

B’dan l-artikolu t-testaturi, effettivament, hallew b’titolu ta’ legat a favur ta’ l-esponent il-fond imsemmi skond il-kondizzjoni hemm espressa.

Carmela Mallia mietet fit-28 ta’ Ottubru, 1960, mentri Lazzaro Mallia miet fid-9 ta’ Gunju, 1967.

Il-proceduri gudizzjarji in konnessjoni ma’ l-irkupru tal-fond imsemmi gew decizi b’ezitu pozittiv ghall-attur b’sentenza moghtija fit-8 ta’ Jannar, 1993. Ghalhekk, il-kondizzjoni avverat ruhha u, ghaldaqstant, l-esponent ghandu d-dritt jigi mmess fil-pusses tal-legat imholli lilu.

Il-werrieta kienu, qabel ma saru jafu bil-kontenut tat-testment, iffirmaw skrittura privata fejn obbligaw rwiehhom li jittrasferixxu u jbieghu lil terzi li min-naha taghhom intrabtu li jakkwistaw u jixtru l-fond in kwistjoni. L-att finali ma kienx sar meta l-werrieta saru jafu bit-testment imsemmi u rrizultalhom li d-dar in kwistjoni kienet giet imhollija b’legat lill-attur.

Wara s-sentenza tat-8 ta’ Jannar, 1993, uhud mill-werrieta, cioe` John Mallia, Theresa armla Singer, Anthony Mallia, Agnes xebba Mallia u Pauline Micallef onoraw ix-xewqat tat-testaturi u mmettew lill-attur fil-pussess tal-fond imsemmi.

Izda l-konvenuti appellanti, ukoll eredi tat-testaturi, irrifjutaw li jaghmlu dan u per konsegwenza, l-esponent kellu jistitwixxi proceduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex jigi mmess fil-pussess ta’ l-imsemmi fond, liema proceduri kellhom ezitu pozittiv ghall-esponent b’sentenza moghtija fid-19 ta’ Mejju, 2000, li minnha qed isir l-appell odjern.

Illi l-esponent jixtieq jirribatti certi allegazzjonijiet infondati maghmula mill-appellanti u dana ghall-apprezzament ahjar tal-kaz:
(i) Illi l-appellanti tabilhaqq inghataw l-opportunitajiet kollha sabiex iressqu l-provi taghhom.

Il-kawza fl-ismijiet fuq premessi ilha tkarkar mill-1994 stante illi, kif innotat l-istess Qorti ta’ Prim’Istanza fil-provvediment tat-8 ta’ Novembru, 1999 (fol 196), kien hemm “***diffikultajiet fil-gbir tal-provi <u>specjalment dawk</u>***

***<u>li kellhom jigu prodotti mill-konvenuti</u> u dawn il-problemi necessitaw diversi provvedimenti tal-Qorti sabiex jigu accellerati l-proceduri. Infatti, f'zewg okkazzjonijiet, fuq talba ta' l-attur, il-Qorti kienet iffissat seduti u ordnat li l-assistent gudizzjarju tirritorna l-process wara data specifikata*".**

Illi, difatti, minn 20 seduta li nzammet fuq medda ta' 3 snin, fi 8 seduti biss instemghet xhieda: 3 seduti intuzaw mill-attur mentri l-konvenuti xehdu f'5 seduti. 5 seduti ohra gew mohlija totalment mill-konvenuti jew ghax hadd minnhom ma deher u/jew stante illi d-difensur taghhom naqas li jidher. Ir-rimanenti 7 seduti thassru mill-konvenuti li talbu differiment ghal bosta ragunijiet, fosthom li ommhom kienet indisposta u li l-konventa Elizabeth Mallia, kellha tattendi *seminar* tax-xoghol.

Dan kollu jfisser li fi 12-il seduta ma sar assoultament ebda progress fil-gbir tal-provi min-naha tal-konvenuti.

Ta' min jinnota li l-Ewwel Qorti kienet, fuq talba ta' l-attur, b'verbal tat-22 ta' Mejju, 1998, iffissat zewg seduti li fihom il-konvenuti kellhom jiffinalizzaw il-provi taghhom. Fis-seduta tal-31 ta' Lulju 1998, kienet xehdet Agnes Mallia mentri fis-seduta tat-2 ta' Settembru, 1998, il-konvenuti talbu differiment peress li kif gia' intqal, il-konvenuta, Elizabeth Mallia, kellha tattendi *seminar* ta' l-iskola. Sussegwentement, kienu gew iffissati zewg seduti ohra mill-Qorti li bl-istess mod gew mohlija mill-konvenuti: f'seduta wahda minnhom il-konvenuti talbu differiment ghax ommhom kienet indisposta u fis-seduta l-ohra hadd mill-konvenuti ma deher u l-Assistenta Gudizzjarja giet informata telefonikament mill-konvenut Leslie Mallia li ma setax jattendi stante illi ommhom kienet indisposta.

Il-konvenuti appellanti ma kellhomx cans iressqu l-provi taghhom?

Li kieku dan kollu ma kienx bizzejjed, il-konvenuti appellanti b'rikors tat-28 ta' Mejju, 1999, (fol. 190) talbu s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza biex jiffinalizzaw il-provi taghhom. B'verbal ta' l-14 ta' Lulju, 1999, l-ewwel

Qorti ssospendiet provvizorjament il-prolazzjoni tas-sentenza u bi provvediment tat-8 ta' Novembru, 1999 l-istess Qorti ordnat is-sospensjoni definittva tal-prolazzjoni tas-sentenza u tat cans lill-konvenuti appellanti jressqu l-provi kollha li kien fadlilhom fi zmien 40 gurnata permezz tal-procedura ta' l-affidavits fejn kien possibbli u ddifferiet il-kawza ghat-28 ta' Jannar, 2000, sabiex jingiebu l-provi kollha rimanenti bl-intendiment car li wara dik is-seduta l-kawza tibqa' differita ghat-trattazzjoni finali u wara ghas-sentenza (fol. 196).

Illi mhux talli l-konvenuti ma pprezentaw ebda affidavit kif orndat lilhom mill-Qorti izda fis-seduta tat-28 ta' Jannar, 2000, hadd mill-konvenuti ma ndenja ruhu jidher hlief ghall-konvenut Leslie Mallia. Il-konvenuti ma taw ebda spjegazzjoni jew gustifikazzjoni l-ghala ma resqux il-provi fiz-zmien moghti lilhom u lanqas ghall-fatt li ma dehrux.

(ii) In kwantu ghall-vericita` o meno tal-fatt li l-attur kien tassew sellef is-somma ta' Lm700 lill-genituri tieghu, jigi sottomess li l-aqwa prova hi proprju t-testimonjanza ta' l-istess genituri li kienu sselfu l-flus. Infatti, fit-testment in kwistjoni t-testaturi jiddikjaraw car u tond li kienu sselfu s-somma msemmija. Din hi fl-opinjoni umli ta' l-esponenti l-aqwa prova. Del resto, l-istess Carmelo Mallia kkonferma permezz ta' affidavit tieghu esebit a fol. 94 (Dok JM2), li kien sellef is-somma imsemmija lill-genituri tieghu. L-istess ghamlet ix-xhud, Agnese Mallia. Pero`, hemm ukoll provi indiretti in sostenn tas-self in kwistjoni li johorgu, per ezempju, mid-dikjarazzjoni *causa mortis* (fol. 88) fejn hemm imnizzel hekk: "***Deposit in HM Civil Court for the acquisition (rkupru) of property 151/152 at St. Julian's Street, B'Kara Lm735.***"

(iii) Ghar-rigward it-tielet aggravju tal-konvenuti appellanti ssir referenza ghall-artikolu 854 subinciz (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

"***L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew legittima, jew is-sehem tal-beni li l-ligi taghti lit-tfal illegittimi jew lil zewg jew mart il-mejjet, sew fis-successjonijiet***

***b'testment kemm ukoll f'dawk* ab intestato, *tispicca bl-eghluq ta' ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni.***"

Illi, fid-dawl ta' dan, galadarba ma ttiehdu ebda proceduri mill-werrieta la biex jigi annullat it-testment *unica charta* tat-8 ta' Gunju, 1956, u la biex jigi attakkat il-hames artikolu tieghu li permezz tieghu gie imholli l-legat lill-attur, jigi sottomess li l-Ewwel Qorti kienet korretta u gusta meta rriteniet illi:

"***…sew it-testment kif ukoll id-dispozizzjoni testamentarja mertu ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu osservati u l-ebda eccezzjoni li tista' titressaq mill-werrieta, intiza biex tistultifika l-effetti ta' l-imsemmija disposizzjoni testamentajra, ma ghandha tigi kunsidrata minn din il-Qorti li hija, fic-cirkostanzi, tenuta taghti effett ghad-disposizzjoni testamentarja billi tilqa' t-talba attrici.***"

Effettivament, il-werrieta kellhom ghaxar snin cans mid-data ta' l-apertura tas-successjoni biex jattakkaw it-testment imsemmi u biex jitolbu l-legittima izda minflok ghazlu s-silenzju. Mhux talli hekk, izda, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, uhud mill-werrieta gia` ottempetaw irwiehom mad-disposizzjonijiet testamentajri billi mmettew lill-attur fil-pussess tal-fond in kwistjoni ghar-rigward is-sehem taghhom.

(iv) In kwantu ghar-raba' aggravju, jinghad semplicement, kif irriteniet ukoll l-Ewwel Qorti, li l-hames artikolu tat-testment imsemmi hu car daqs il-kristall. L-intenzjoni tat-testaturi tirrizulta cara u ghaldaqstant, it-testment imsemmi ma jinnecessita ebda interpretazzjoni mill-Qorti.

(v) Illi ghar-rigward il-hames aggravju jigi sottomess li l-konvenuti appellanti qeghdin jirreferu ghall-konvenju li l-werrieta kienu ffirmaw fejn obbligaw rwiehhom li jbieghu u jittrasferuxxu lil terz terran tal-valur ta' Lm13,000 kif ukoll il-fond oggett tal-legat imholli lill-attur cioe` id-dar numru 151/152 (illum 272/273), St. Julian's Street, B'Kara.

L-att finali ta' bejgh ma kienx sar meta l-werrieta saru jafu bil-kontenut tat-testment in kwistjoni u l-immissjoni fil-pussess ta' l-attur fil-fond imsemmi minn uhud mill-werrieta kien sar wara li sfratta l-konvenju.

Ghaldaqstant, jigi sottomess li mill-fatti kif sehhew ma tirrizultax bl-ebda mod din ir-rinunzja da parti ta' l-attur ghall-legat imholli lilu. Anzi proprju l-kontra kif jirrizulta, del resto, minn dikjarazzjoni maghmula minnu stess fis-16 ta' Ottubru, 1995, a fol. 100 tal-process.

(vi) Is-sitt aggravju tal-konvenuti appellanti m'ghandu ebda fondament legali stante illi l-mertu tal-kawza ma jittrattax dejn izda dispozizzjoni testamentarja, cioe` legat ta' dar imholli lill-attur. L-attur qatt ma talab lura s-self izda t-testaturi minn jeddhom ghazlu li jiddevolvu dar b'legat lill-attur taht kondizzjoni li, sussegwentement, avverat ruhha. Ta' min wiehed jinnota wkoll li, fiz-zmien meta sar it-testment il-valur tad-dar kien proprju ta' madwar Lm700 cioe` l-ammont tas-self. Ghaldaqstant, ghandu jirrizulta ampju li ma jezistux l-elementi ta' l-uzura u, per konsegwenza, kwalsiasi argument dwar uzura hi, kif del resto nnutat l-Ewwel Qorti, zbaljata.

Illi, ghaldaqstant, hija l-fehma ta' l-appellat nomine illi dina l-Qorti ghandha tichad l-appell tal-konvenuti u tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-19 ta' Mejju, 2000 (cit. nru: 1138/94AJM).

**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

8. L-appell tal-konvenuti jikkoncerna kawza istitwita mill-attur appellat nomine sabiex il-konvenuti appellanti jigu ordnati li jaddivjenu ghall-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess ta' legat imholli lill-attur proprio b'testment unica charta maghmul mill-genituri tieghu fit-8 ta' Gunju 1956 fl-atti tan-nutar Joseph Gatt, riferibbilment ghall-fond bin-numru 272/273 (gja' 152/153), Triq San Giljan, Birkirkara.

Il-Qorti ta' l-ewwel grad laqghet it-talba attrici kif dedotta u l-konvenuti interponew appell minn din is-sentenza.

9. L-aggravji ta' l-appell tal-konvenuti jistghu in succint jingabru fis-segwenti:-

(a) li l-konvenuti gew ipprivati milli jkomplu bil-provi taghhom bi ksur tal-principju tal-"fair hearing";

(b) li l-ewwel Qorti ma kkonsidratx id-dokument esebit a fol. 82 mnejn jirrizulta li xi whud mill-eredi kienu irripudjaw l-immissjoni fil-pussess tal-fond de quo;

(c) li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta kkonkludiet li l-konvenuti ma kenux hadu passi biex jattakkaw il-hames artikolu tat-testment fuq imsemmi jew biex tigi mnaqqsa id-disposizzjoni testamentarja sas-sehem li t-testaturi setghu jiddisponu:

(d) li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta eskludiet interpretazzjoni differenti tat-testment minn kif moghtija minna, u b'hekk hija cahdet il-hames u s-sitt eccezzjoni taghhom;

(e) li ma kienx minnu li l-attur ma kienx ghamel atti ta' rinunzja ghal-legat imholli lilu, u fil-fatt il-provi juru xort' ohra;

(f) li l-eccezzjoni ta' l-uzura, darba li setghet tinghata mid-debitur, setghet allura tinghata wkoll mill-eredi tad-debitur.

10. Ghandu qabel xejn jigi pprecizat li minn barra r-rikors ta' appell, il-konvenuti appellanti ma ghaddewx ukoll biex jittrattaw oralment jew in iskritt l-aggravji taghhom peress li l-avukat taghhom naqas milli jidher ghall-fini ta' trattazzjoni u ghazel li ma jipprevalixxix ruhu mill-fakolta` li nghatatlu minn din il-Qorti biex jekk irid jaghmel sottomissjonijiet bil-miktub.

11. L-ewwel aggravju hu li l-konvenuti appellanti ma nghatawx smiegh xieraq ghaliex ma thallewx iressqu l-provi kollha li xtaqu jtellghu. Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti tal-kawza – li bdiet fit-12 ta' Settembru 1994 – innutat li fil-kors tal-gbir tal-provi kien hemm sensiela twila ta' seduti mizmuma quddiem l-Assistent Guridizzjarju li fihom ma sar proprju xejn. Dan gara fuq medda ta' snin. Ghalkemm ma jistax jinghad li n-nuqqas kien kollu dovut ghall-parti konvenuta, pero` certament jirrizulta li l-konvenuti altru milli kellhom opportunita` ampja sabiex jressqu x-xhieda kollha taghhom f'dan l-istadju li kieku verament din kienet tassew l-intenzjoni taghhom. Dan

qieghed jinghad mhux biss ghaliex il-konvenuta Elizabeth Mallia hadet erba' seduti shah biex tiddeponi imma l-aktar ghaliex kien hemm diversi seduti li gew ikkancellati ad istanza tal-konvenuti, kif jirrizulta mill-verbali tas-seduti in data tal-21 ta' Frar 1996; 28 ta' Frar 1996; 10 ta' Ottubru 1997; 11 ta' Novembru 1997; 27 ta' Frar 1998; 6 ta' April 1998; 6 ta' Mejju 1998; 2 ta' Setembru 1998 u 23 ta' Novembru 1998. Dan pero` mhux kollox. Meta, fit-8 ta' Marzu 1999 (ara verbal a fol. 183 tal-process), il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-4 ta' Gunju 1999 bil-fakolta` ta' noti mill-partijiet, giet ipprezentata nota mill-attur nomine izda mhux mill-konvenuti. Il-prolazzjoni tas-sentenza giet imbaghad sospiza wara rikors tal-konvenuti fit-28 ta' Mejju 1999 (ara verbal ta' l-14 ta' Lulju 1999, a fol. 192 tal-process). Fis-seduta ta' l-1 ta' Novembru 1999, il-konvenuti insistew ghal darb'ohra ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentneza billi rritjenew li "d-differimenti u n-nuqqas ta' attendenza ghas-seduti kienu ghal ragunijiet validi". Fit-8 ta' Novembru 1999 l-ewwel Qorti laqghet it-talba tal-konvenuti ghal fini ta' sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza – fuq konsiderazzjonijiet li fil-fehma ta' din il-Qorti kienu wisq indulgenti – b'dan li tat erbghin (40) jum zmien lill-konvenuti
"ghal prezentata tal-provi kollha li fadlilhom permezz ta' affidavits fejn hu possibbli u cioe` l-membri kollha tal-familji tal-konvenuti u l-istess konvenuti, fejn dawn ma xehdux diga`, u thalli l-kawza ghas-seduta tat-28/1/2000 sabiex jingiebu l-provi kollha rimanenti tal-konvenuti li mhux permissibbli b'affidavit, u ghall-kontro ezami ta' l-istess, <u>bl-intendiment car li wara dik is-seduta l-kawza tibqa' differita ghat-trattazzjoni finali u wara ghas-sentenza</u>" (ara fol. 197 tal-process) (sottolinear tal-Qorti).

<u>Fit-28 ta' Jannar 2000</u>, deher biss il-konvenut Leslie Mallia u gie kkostatat li baqa' ma sar xejn mill-konvenuti. L-ewwel Qorti ghalhekk irriferiet ghad-digriet taghha tat-8 ta' Novembru 1991 u peress li ma kenux tressqu provi, il-kawza giet mill-gdid imhollija ghas-sentenza ghall-<u>15 ta' Marzu 2000</u> (fol. 1999 tal-process). <u>Fit-2 ta' Marzu 2000</u> il-konvenuti intavolaw talba ohra ghall-fini ta' sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u biex jigu awtorizzati jipprezentaw l-affidavits taghhom kif ukoll jipproducu aktar

xhieda. B'digriet ulterjuri ta' l-ewwel Qorti moghti fis-6 ta' Marzu 2000, din it-talba giet michuda (fol. 201 tal-process). Fl-10 ta' Marzu 2000, il-konvenuti pprezentaw rikors iehor bl-istess talba u premessa bhal ta' qablu, igifieri s-sospensjoni tas-sentenza u li hemm xhieda ohra x'jitressqu. B'digriet iehortat-13 ta' Marzu 2000, il-Qorti irrizervat "li tipprovdi fl-udjenza". B'rikors iehor, ukoll ipprezentat fl-10 ta' Marzu 2000, id-difensur tal-konvenuti talab differiment ghal ragunijiet ta' safar u l-Qorti pprovdiet similment fis-sens li rrizervat li tipprovdi fl-udjenza. Fil-15 ta' Marzu 2000 (fol. 212) gie rregistrat hekk:
"B'ordni tal-Qorti, il-kawza tibqa' differita ghas-sentenza ghad-19 ta' Mejju 2000"

U fil-fatt f'dik id-data nghatat is-sentenza appellata. Kjarament ghalhekk ma jirrizultax li l-aggravju tal-konvenuti huwa wiehed fondat il-ghaliex in forza ta' l-ahhar digriet taghha, qabel is-sentenza cioe` dak tas-6 ta' Marzu, 2000, il-Qorti ta' l-ewwel grad kienet effettivament iddeliberat u ddecidiet dwar it-talbiet tal-konvenuti. Kien ifisser ukoll – u dan hu fattur determinanti ghar-rizoluzzjoni ta' din il-vertenza – li l-affidavits li gew ipprezentati mill-konvenuti u li ghadhom esebiti fl-atti tal-kawza – ara fol. 202 sa 207 tal-process – ma kellhomx jigu kkunsidrati bhala li jifformaw parti mill-provi prodotti mill-konvenuti. Kien ikun ahjar li kieku l-ewwel Qorti ordnat ukoll formalment l-isfilz taghhom mill-atti, madanakollu d-digriet taghha moghti fis-6 ta' Marzu 2000 (fol. 201) kif fuq intqal huwa car bizzejjed.

12. It-tieni aggravju jirreferi ghal dikjarazzjoni ffirmata – ara fol 82 tal-process, Dok EM – li permezz taghha allegatament xi whud mill-eredi jghidu li meta huma immittew lil huhom Carmel Mallia fil-pussess tal-legat, dan ghamluh ghaliex ma kenux edotti sew mill-aspetti legali ta' dak li sar minnhom u lanqas ma kienu jafu li kellhom dritt ghal-legittima skond il-ligi.

Din il-Qorti, wara li ezaminat id-dokument markat Dok EM a fol 82 tal-process, ma jidhriliex li tista' taghti xi piz partikolari jew determinanti ghal fini tar-rizoluzzjoni ta' din il-vertenza lil dan id-dokument. Fil-fatt dan id-dokument

jikkonsisti biss f’kopja – l-original qatt ma gie prodott jew esebit – ta’ dikjarazzjoni li allegatament giet maghmulha mill-konvenuti Pauline Micallef, Anthony Mallia, Agnese Mallia u Theresa Singer. Hija kopja ta’ dikjarazzjoni ex parte, bla ebda data fuqha, li tghid li nonostante l-erba’ eredi li ffirmawha kienu taw il-kunsens taghhom biex jimmittu fil-pussess tal-legat lill-attur, huma ma kienux edotti pjenament bid-drittijiet spettanti lilhom bhala ko-werrieta. Imqar jekk huwa hekk, minn imkien ma jirrizulta la li l-konvenuti appellanti impunjaw xi parti mit-testment de quo jew li hadu xi proceduri gudizzjarji biex jimpunjaw, billi jannullaw, kull haga li setghu ghamlu minhabba l-fatt li kif qeghdin issa jallegaw, huma ma kenux jafu sew id-drittijiet taghhom x’kienu skond il-ligi. Li kieku kkonsultaw avukat qabel ma ghaddew biex jaghtu l-kunsens taghhom biex jimmittu lil-legatarju huhom fil-pussess ta’ l-immobbli, forsi huma kienu jagixxu differentement minn kif jirrizulta li agixxew. Li hu zgur hu li l-konvenuti appellanti ma jistghux issa jippretendu li ghandhom dritt bil-ligi li jostakolaw lil-legatarju milli jigi mqieghed fil-pussess tal-legat a bazi tal-fatt li issa huma jidhrilhom li kellhom drittijiet ohrajn li qabel ma kienux jafu illi jezistu.

13. It-tielet aggravju, jekk jista’ jissejjah hekk, jitlaq bil-premessa li l-ewwel Qorti
“ma tidhirx li kienet korretta meta kkunsidrat li la ma kenux gew istitwiti proceduri mill-werrieta biex jigi annullat it-testment de quo jew biex jigi attakkat l-Hames Artikolu tieghu jew biex tigi imnaqqsa d-disposizzjoni testamentarja sas-sehem li t-testaturi setghu jiddisponu ......”

allura ebda eccezzjoni ma kellha tipprevali. Il-konvenuti appellanti pero` bl-ebda mod ma juru li dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti kien tassew skorrett specjalment meta dik l-istess Qorti kompliet tghid ukoll, (u dan jghodd ukoll ghar-raba’ u hames aggravju kif elenkati aktar qabel),
“Illi jirrizulta li ma gewx istitwiti ebda proceduri mill-werrieta, la biex jigi annullat it-testment imsemmi, la biex jigi attakkat l-artikolu hamsa (5) tal-istess testment li permezz tieghu gie mholli l-legat lill-attur u lanqas biex id-disposizzjoni testamentarja tigi mnaqqsa sas-sehem li

setgha jiddisponi t-testatur ....... ghal kull buon fini ghalhekk ghandu jigi rilevat li sew it-testment kif ukoll id-disposizzjoni testamentarja mertu ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu osservati u l-ebda eccezzjoni li tista' titressaq mill-werrieta, intiza biex tistultifika l-effetti ta' l-imsemmija disposizzjoni testamentarjali (sic) ma ghandha tigi kunsidrata minn din il-Qorti ......".

14. Fir-realta` tal-fatti dak li jirrizulta mill-provi prodotti huwa li mal-mewt tat-testaturi, l-eredi kienu ghadhom injari mill-kontenut tat-testment <u>unica charta</u> maghmul mill-genituri taghhom. Il-fond li huwa l-mertu tal-vertenza jidher li kien laxxitu principali. Gara li kien hemm terz interessat fix-xiri tieghu u gew kondotti trattativi f'dan is-sens bejn l-eredi u t-terz. Il-hsieb tal-ko-eredi f'dana l-istadju kien dak li r-rikavat jigi spartit bejniethom. Dawn in-negozjati ma kellhomx ezitu pozittiv u t-trattativi ta' bejgh sfaxxaw. Fil-frattemp ukoll il-koeredi saru edotti mill-kontenut tat-testment tal-genituri taghhom bil-konsegwenza ovvja li l-attur bhala legatarju tal-fond <u>de quo</u> ma baqax aktar interessat minn xi pjan biex jimbiegh dan il-fond imma li jigi mqieghed fil-pussess tieghu skond id-disposizzjoni testamentarja li (il-hames artikolu) in ezekuzzjoni taghha huwa kien fil-fatt akkwista l-fond b'legat. Jirrizulta li kien hemm diversi inizzjattivi bejn il-koeredi biex almenu huma jiehdu xi forma ta' kumpens ghall-fatt li issa kien irrizulta li dan il-fond kien gie mholli b'legat lil wiehed biss mill-ahwa. Fil-fatt xi whud mill-koeredi kkonkludew ftehim f'dan is-sens ma' l-attur (ghalkemm dawn ukoll <u>issa</u> ddikjaraw li rega' bdielhom) mentri l-ohrajn baqghu ma ftehmux mal-legatarju. Madanakollu, u minkejja dan in-nuqqas ta' qbil li baqa' sejjer is-snin, <u>hadd mill-koeredi ma ccaqlaq biex jikkontesta din il-parti tat-testment</u>. Wara li deherlu li ghadda zmien bizzejjed u baqa' bla ma ha pussess tal-fond imholli lilu bil-legat, il-legatarju (i.e. l-attur proprio) istitwixxa din il-kawza. Wahda mill-eccezzjonijiet preleminari sollevati mill-konvenuti kienet dik tal-preskrizzjoni a bazi ta' l-Artikolu 845 tal-Kodici Civili. Din giet michuda mill-Prim Awla tal-Qorti Civili b'sentenza <u>in parte</u> moghtija fil-21 ta' April 1995, liema sentenza giet ikkonfermata minn din il-Qorti fis-16 ta' Jannar 1996. L-

eccezzjonijiet l-ohra gew ukoll michudin u fil-fatt jiffurmaw il-meritu ta' dana l-appell. Din il-Qorti hija konkordi ma' dak li ddecidiet l-ewwel Qorti fis-sens li darba li l-konvenuti appellanti baqghu ma kkontestawx it-testment de quo biex jimpunjaw dik il-parti li skond huma ma kenitx legalment valida, allura kien jispetta lill-Qorti li tordna li dak li hemm ordnat fit-testment jigi esegwit kif hemm imnizzel.

15. L-ahhar zewg aggravji, imbaghad, lanqas ma jirrizultaw. Mhux minnu li l-attur agixxa b'mod li juri li hu kien effettivament qieghed jirrinunzja ghal-legat imholli lilu. Il-fatti anzi juru li appena huwa sar jaf bil-kontenut tat-testment huwa ha immedjatament il-passi biex dan il-legat jigi esegwit a favur tieghu skond ix-xewqa tat-testaturi. Meta fil-bidu huwa deher propens li jaqsam mal-bqija ta' hutu, dan ghamlu biss ghax sadanittant huwa ma kienx ghadu jaf bil-kontenut shih tat-testment. Certament ghalhekk ebda att minn naha tieghu f'dan il-kuntest ma seta' jigi kkunsidrat bhala li jikkostitwixxi att ta' rinunzja ghal-legat imholli lilu kif jippretendu l-appellanti.

L-ahhar aggravju jirreferi ghal eccezzjoni dwar uzura li frankament b'ebda mod ma giet sorretta bi provi da parti tal-konvenuti. Ghandu pero` jinghad li ghalkemm huwa minnu li mat-trapass ta' zmien il-valur ta' l-immobbli de quo imqabbel ma' l-ammont versat mill-attur illum jidher wiehed sproporzjonat, ghandu wkoll jitqies li l-ammont ta' Lm700 mahrug mill-atturi qabel is-sena 1956 kien meqjus ammont konsiderevoli ghal dak iz-zmien u li jekwipara tajjeb mal-valuri li dik il-habta kienu jgibu fondi immobiljari.

Ghalhekk ukoll l-ahhar zewg aggravji, bhal dawk ta' qabilhom, huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma d-digrieti moghtija, u s-sentenza appellata kif moghtija, mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, tichad l-appell tal-konvenuti appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom u ghal dan il-ghan ukoll qeghda tipprefiggi terminu perentorju ta' xahar mil-lum sabiex l-appellanti jaddivjenu ghall-kuntratt opportun quddiem in-nutar Victor John Bizazza fl-edifizzju tal-Qorti f'hin u data li tigi komunikata

lilhom mill-imsemmi nutar u dan ukoll bil-konferma ta’ l-Avukat Dottoressa Yana Micallef Stafrace bhala kuratrici in rapprezentanza ta’ l-eventwali kontumaci fuq dana l-att.

---------------------------------TMIEM---------------------------------